**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 16 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Nru: 620/01 PM**

**Eagle Knitwear Co. Ltd.**

**Vs.**

**Barry Whitmore di proprio kif ukoll f'isem il-kumitat maghruf bl-isem Malta Marathon Organising Committee**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tas-societa attrici fejn intalbet l-ammont ta' Lm699.14 minn ghand l-konvenuti rappresentanti valur ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati lil konvenuti bl-imghax mis-27 ta' Settembru 2000.

Ra d-delivery note a Fol 3 tal-process.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-risposta fejn il-konvenut Barry Whitmore qal li l-kawza saret kontra il-persuni zbaljati billi hu ma dahal f'ebda obbligu favur is-societa attrici. Il-konvenut zied qal li l-oggetti inxtraw f'isem Sportsmans Travel Limited u li l-firma tieghu fuq il-kopja tal-delivery note "titlob spjega" billi m'hemm ebda firma simili fuq id-dokument originali.

Sema' x-xhieda ta' Alex Aquilina li xehed li l-konvenut ghamel l-ordni wara li s-societa attrici kienet taghtu quotation. Il-konvenut personalment talab il-quotation. L-istess konvenut sussegwentement mar pesonalment fl-ufficju tas-societa attrici u ghamel l-ordni. Il-konvenut personalment kien gie ghax-xoghol.

Sema x-xhieda tal-konvenut li qal li qatt ma gabar il-merkanzija n-kwistjoni. Il-merkanzija ngabret minn rappresentant. Il-konvenut qal li qatt ma ffirma ghal merkanzija n-kwistjoni.

Skond il-konvenut hemm "approximately Lm350" dovut. Il-konvenut qal li dan l-ammont ma thallasx ghaliex ma kienx hemm "adjustments" ghal invoice. Skond il-konvenut parti mill-invoice huwa dovut minn Sportsman Travel Ltd.

Il-konvenut ikkonferma li rcieva d-delivery note datat 27 ta' Settembru 2000. Il-konvenut accetta li qatt ma kiteb lis-societa attrici fejn ikkontesta d-delivery note. Il-konvenut qal li kien cempel biex jilmenta. Il-konvenut ikkonferma l-firma tieghu a Fol. 39 – l-order form.

Mistoqsi jekk hemm il-firma tieghu a Fol.2 il-konvenut irrisponda li dak id-dokument hu kopja.

Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal:

Illi fir-risposta tieghu l-konvenut jghid li l-kawza saret kontra persuni sbaljati izda jikkonferma li hu ghamel l-ordni u ffirma l-order form a Fol. 39 tal-process. Illi skond l-istess order form l-persuna li ghamlet l-order hija l-konvenut personalment. Ma hemm ebda indikazzjoni li hemm xi kumpanija involuta.

Illi l-konvenut jammetti ukoll  li kien ircieva d-delivery note li huwa indirizzat “The Runners Centre Mr. Barry Whitmore” Illi ghalkemm jaccetta li ircieva l-istess document lil-konvenut ikkonferma li qatt ma kiteb ittra biex javza lis-societa attrici li qieghed b’xi mod jikkontesta dan id-delivery note.

Illi fir-risposta tieghu l-konvenut ma jikkontesta bl-ebda mod l-ammont mitlub. Illi huwa veru li fix-xhieda tieghu l-konvenut jghid li hemm biss Lm350 dovut minn terz izda fid-dawl tax-xhieda u tad-dokumenti esebiti t-Tribunal jiddikjara li s-societa attrici ippruvat il-pretensjoni taghha. Il-versjoni tal-fatti tas-societa attrici hija hafna izjed kredibli minn dik tal-konvenut.

Ghaldaqstant tichad ir-risposta u tilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-imghax mill-1 ta' Ottubru 2000.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikant**